



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Settembru 2020
(OR. en)

11009/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0067 (NLE)

AVIATION 149
RELEX 690
USA 61

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza taħt il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza li tadotta l-Anness 4 għall-Ftehim

ABBOZZ

BORD BILATERALI TA' SORVELJANZA GĦALL-FTEHIM

BEJN L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA

U L-KOMUNITÀ EWROPEA

DWAR KOOPERAZZJONI FIR-REGOLAZZJONI TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI

REĠISTRAR TAD-DEĊIŻJONI

DEĊIŻJONI NRU 0011

Filwaqt li jinnota l-Emenda 1 għall-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar Kooperazzjoni fir-Regolazzjoni tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili (il-"Ftehim") twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2.B tal-Ftehim biex jinkludi, fost affarijiet oħra, l-għoti tal-liċenzji u t-taħriġ tal-persunal;

Filwaqt li jinnota wkoll li l-Artikolu 5 tal-Ftehim, kif emendat, jipprevedi l-iżvilupp ta' Annessi ġodda għall-Ftehim għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim, li mbagħad, skont l-Artikolu 19 C, jiddaħħlu fis-seħħ permezz ta' deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza ("BOB") stabbilit skont l-Artikolu 3,

B'dan, il-BOB jiddeċiedi kif ġej:

1. Li jiġi adottat l-Anness 4 (Apparati ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir) għall-Ftehim, kif meħmuż ma' din id-Deċiżjoni bil-Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Françiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Latvjan, Litwan, Malti, Netherlandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż, Taljan u Ungeriż. F'każ ta' diverġenza fl-interpretazzjoni bejn it-testi tal-lingwi differenti, it-test bl-Ingliż għandu jipprevali.
2. Li tittieħed nota tad-Dikjarazzjoni Konġunta li għandha tiġi ffirmata mir-Rappreżentanti tal-Partijiet dwar l-awtentikazzjoni tal-verżjoni bil-lingwa Kroata tal-Anness 4.
3. L-Anness 4 (Apparati ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir) għall-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar firma hawn taħt.

Għall-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza:

AMMINISTRAZZJONI FEDERALI TAL-
AVJAZZJONI

DIPARTIMENT TAT-TRASPORT

STATI UNITI TAL-AMERIKA

MINN:

TITOLU : Amministratur Assoċjat għas-
Sikurezza tal-Avjazzjoni

DATA:

POST: Washington, DC

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

UNJONI EWROPEA

MINN:

TITOLU : Direttur, Avjazzjoni
Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà
u t-Transport, Kummissjoni
Ewropea

DATA:

POST: Brussell, il-Belġju

ANNESS 4

L-APPARATI TA' TAĦRIĠ TA' SIMULAZZJONI TAT-TITJIR

1. FINI U AMBITU
 - 1.1. Il-Partijiet ivvalutaw l-istandards, ir-regoli, il-prattiki u l-proċeduri ta' xulxin b'rabta mal-evalwazzjoni rikorrenti u l-kwalifika kontinwa tas-Simulaturi ta' Titjira Sħiħa (FFS) għall-ajruplani u kkonkludew li huma kompatibbli biżżejjed biex jippermettu l-aċċettazzjoni tal-approvazzjonijiet u tas-sejbiet ta' xulxin. Dan l-Anness ikopri l-aċċettazzjoni reċiproka tas-sejbiet tal-konformità u tad-dokumentazzjoni, u l-għoti ta' assistenza teknika rigward l-evalwazzjoni rikorrenti u l-kwalifika tal-FFS. L-ebda parti ta' dan l-Anness ma għandha tiġi interpretata li tillimita l-awtorità ta' xi Parti li taġixxi skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim.
 - 1.2. L-ambitu ta' dan l-Anness ikopri l-evalwazzjoni rikorrenti u l-kwalifika kontinwa tal-livelli C, CG, D u DG tal-FFS għall-ajruplani li jkollhom kwalifika maħruġa mill-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni (FAA) u mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) jew minn Awtorità tal-Avjazzjoni, kif ikun applikabbli. Dan l-ambitu jista' jiġi estiż permezz ta' emenda għal dan l-Anness skont deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza (BOB) meħuda skont l-Artikolu 19.B tal-Ftehim.
 - 1.3. L-estensjoni tal-ambitu ta' dan l-Anness għandha sseħħ wara l-proċess meħtieġ tal-bini tal-fiduċja mmexxi mill-Aġenti Tekniċi.

1.4. L-ambitu ta' dan l-Anness ma jkoprix l-Apparati ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir (FSTD) li jinsabu barra mill-ambitu tal-applikabbiltà speċifikat fl-Artikolu 12 tal-Ftehim.

2. DEFINIZZJONIJIET

2.1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, flimkien ma' daww id-definizzjonijiet li jinsabu fil-Ftehim japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "Livell ta' Kwalifika tal-FFS" tfisser il-livell ta' konformità abbażi tal-kapaċità teknika tal-FFS kif iddeterminat b'evalwazzjoni tal-FFS meta mqabbla mal-kriterji tekniċi stabbiliti ta' evalwazzjoni kif definiti fir-rekwiżiti applikabbli. L-FFS huma kkategorizzati fil-livelli A, B, C u D. Barra minn hekk, xi apparati kkwalifikati tal-UE għandhom livell ta' kwalifika AG, BG, CG, DG skont id-Drittijiet Akkwiżiti.
- (b) "Sejba" tfisser verifika dwar jekk l-FSTD huwiex konformi jew le mar-rekwiżiti applikabbli u li għandha tiġi rreġistrata bħala riżultati/diskrepanzi fir-rapport ta' evalwazzjoni mfassal mill-FAA, mill-EASA jew minn Awtorità tal-Avjazzjoni, kif ikun applikabbli.
- (c) "Apparat ta' Taħriġ ta' Simulazzjoni tat-Titjir" (FSTD) tfisser:
 - (i) Għall-Unjoni Ewropea, apparat ta' taħriġ li, fil-każ tal-ajruplani, ikun simulatur ta' titjira sħiħa (FFS), apparat għat-taħriġ fit-titjir (FTD), tagħmir għat-taħriġ fil-proċeduri tat-titjir u tan-navigazzjoni (FNPT), jew apparat bażiku għat-taħriġ fl-istrumenti (BITD).

- (ii) Għall-Istati Uniti, apparat ta' taħriġ li, fil-każ tal-ajruplani, ikun simulatur ta' titjira sħiħa (FFS) jew apparat għat-taħriġ fit-titjir (FTD).
- (d) "Simulatur ta' Titjira Sħiħa" (FFS) tfisser replika ta' daqs sħiħ ta' tip jew għamla, ta' mudell u ta' serje speċifiċi ta' kokpit għat-titjir ta' inġenju tal-ajru, inkluż l-assemblaġġ tat-tagħmir kollu u tal-programmi kollha tal-kompjuter li huma meħtieġa għar-rappreżentazzjoni tal-inġenju tal-ajru fl-operazzjonijiet fuq l-art u tat-titjir, sistema viżiva li tipprovdi veduta mill-kokpit, u sistema ta' riproduzzjoni tal-movimenti.
- (e) "Evalwazzjoni tal-FSTD" tfisser il-miżura tal-FSTD imqabbla mal-kriterji tekniċi stabbiliti għal-livell rispettiv li twassal għal kwalifika tal-FSTD.
- (f) "Operatur tal-FSTD" tidentifika l-organizzazzjoni li tagħti rendikont ta' għemilha direttament lill-EASA jew lil Awtorità tal-Avjazzjoni, kif ikun applikabbli, għat-talba u għaż-żamma tal-kwalifika ta' FSTD partikolari u li għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-ORA tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011.

- (g) "Sponser tal-FSTD" tidentifika l-organizzazzjoni li tagħti rendikont ta' għemilha direttament lill-FAA għat-talba u għaż-żamma tal-kwalifika ta' FSTD partikolari u li għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tat-Titolu 14 tal-Kodiċi tar-Regolamenti Federali tal-Istati Uniti, il-parti 60 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-parti 60).
- (h) "Drittijiet Akkwiżiti" tfisser:
- (i) Għall-Istati Uniti, id-dritt ta' operatur/sponser tal-FSTD li jżomm il-livell ikkwalfikat mogħti fil-qafas ta' ċirkolari ta' konsulenza preċedenti.
 - (ii) Għall-Unjoni Ewropea, id-dritt ta' operatur/sponser tal-FSTD li jżomm il-livell ikkwalfikat mogħti fil-qafas ta' regolament preċedenti. Tfisser ukoll id-dritt ta' utent tal-FSTD li jżomm il-krediti tat-taħriġ, tal-ittestjar u tal-kontroll li jkun kiseb fil-qafas ta' dak ir-regolament preċedenti.
- (i) "Gwida Ewlenija għat-Test tal-Kwalifika" (MQTG) hija l-Gwida għat-Test tal-Kwalifika (QTG) approvata mill-awtorità li tinkorpora r-riżultati ta' testijiet li kienu preżenti għalihom l-FAA, l-EASA jew Awtorità tal-Avjazzjoni, kif ikun applikabbli. L-MQTG isservi ta' referenza għall-evalwazzjonijiet futuri.
- (j) "Gwida għat-Test tal-Kwalifika" (QTG) tfisser dokument li jintuża biex tintwera li l-kwalitajiet ta' prestazzjoni u ta' mmaniġġar huma skont il-limiti preskritti għall-inġenju tal-ajru u li r-rekwiżiti applikabbli kollha ġew issodisfati.

- (k) "Kundizzjonijiet Speċjali" tfisser dawk ir-rekwiżiti li jkun instab, abbażi ta' tqabbil tas-sistemi regolatorji rispettivi marbuta mal-evalwazzjoni u mal-kwalifika tal-FFS, li ma jkunux komuni għaż-żewġ sistemi, u li jkunu sinifikanti biżżejjed biex jiġu indirizzati f'dan l-Anness.

3. Korp Konġunt ta' Koordinazzjoni

3.1. Kompożizzjoni

- 3.1.1. B'dan, il-korp konġunt ta' koordinazzjoni msejjaħ il-Bord ta' Sorveljanza tal-FSTDs (FOB), li jagħti rendikont ta' għemilu lill-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza, huwa stabbilit taħt it-tmexxija konġunta tad-Direttur tal-Istandards tat-Titjir tal-EASA u tad-Direttur Eżekuttiv tal-Istandards tat-Titjir tal-FAA. Il-FOB għandu jinkludi esperti dwar l-FSTD minn kull Aġent Tekniku.
- 3.1.2. It-tmexxija konġunta tista' tistieden parteċipanti addizzjonali fil-FOB biex tiffaċilita l-issodisfar tal-oġġettivi ta' dan l-Anness.

3.2. Mandat

3.2.1. Il-FOB għandu jiltaqa' minn tal-inqas darba fis-sena biex jiżgura l-funzjonament u l-implimentazzjoni effettivi ta' dan l-Anness. Il-funzjonijiet tal-FOB jinkludu:

- (a) l-iżvilupp, l-approvazzjoni u r-reviżjoni tal-Proċeduri Tekniċi ta' Implimentazzjoni tas-Simulaturi (TIP-S) għall-evalwazzjoni u għall-kwalifika tal-FFS, inkluż il-kooperazzjoni, l-assistenza, l-iskambju ta' informazzjoni, u l-attivitajiet ta' fiduċja kontinwa li jridu jintużaw għall-proċessi koperti b'dan l-Anness;
- (b) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet rilevanti ta' sigurtà u l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizzawhom;
- (c) l-iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti ta' dan l-Anness;
- (d) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ippjanati u li għaddejjin ta' tfassil tar-regoli li jistgħu jaffettwaw il-bażi u l-ambitu tal-Anness;
- (e) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar bidliet sinifikanti fis-sistemi ta' kwalifika tal-FSTD tal-Partijiet li jistgħu jaffettwaw il-bażi u l-ambitu tal-Anness;
- (f) is-soluzzjoni ta' kwistjonijiet tekniċi li jkunu parti mir-responsabbiltajiet tal-Aġenti Tekniċi u tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni li ma jkunux jistgħu jiġu solvuti f'livell iktar baxx; u
- (g) it-tressiq ta' emendi għal dan l-Anness lill-BOB.

3.2.2. Il-FOB għandu jirrapporta l-kwistjonijiet mhux solvuti lill-BOB u għandu jiżgura l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet adottati mill-BOB fir-rigward ta' dan l-Anness.

4. IMPLIMENTAZZJONI

4.1. Għal finijiet ta' monitoraġġ, l-Aġenti Tekniċi għandhom jistabbilixxu u jżomm Lista Ewlenija ta' FFSs li l-kwalifika tagħhom hija fl-ambitu ta' dan l-Anness. Il-proċeduri għall-istabbiliment u għaż-żamma ta' din il-Lista Ewlenija għandhom jiġu dettaljati fit-TIP-S.

4.2. Kwalifika Kontinwa tal-FAA

4.2.1. Il-Partijiet jaqblu li FFS li:

- (a) ikollu kwalifika attwali skont il-bażi ta' kwalifika applikabbli tal-UE, u
- (b) jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness, inkluż il-Kundizzjonijiet Speċjali tal-FAA stabbiliti fl-Appendiċi 1, minkejja r-rekwiżiti tal-parti 60 tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità tas-Simulaturi applikabbli għad-detentur taċ-ċertifikat tal-FFS,

għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi għal kwalifika kontinwa tal-FAA mal-wasla, mar-rieżami u mal-aċċettazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni u tal-kundizzjonijiet speċjali maħruġa mill-EASA jew minn Awtorità tal-Avjazzjoni, kif ikun applikabbli.

4.2.2. L-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni kompetenti għandhom iwettqu l-azzjonijiet definiti fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness meta jaġixxu f'isem l-FAA għall-evalwazzjoni rikorrenti ta' kull FFS kopert b'dan l-Anness.

4.3. Kwalifika Kontinwa tal-EASA

4.3.1. Il-Partijiet jaqblu li FFS li:

- (a) ikollu kwalifika attwali mill-FAA skont il-bażi ta' kwalifika applikabbli tal-Istati Uniti, u
- (b) jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness, inkluż il-Kundizzjonijiet Speċjali tal-UE stabbiliti fl-Appendiċi 1, minkejja r-rekwiżiti tal-ORA applikabbli għad-detentur taċ-ċertifikat tal-FSTD,

għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi għal kwalifika kontinwa tal-EASA mal-wasla, mar-rieżami u mal-aċċettazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni u tal-kundizzjonijiet speċjali maħruġa mill-FAA.

4.4. Aċċettazzjoni Reċiproka tar-Rapporti ta' Evalwazzjoni

- ##### 4.4.1. Soġġett għat-termini ta' dan l-Anness, il-Partijiet jaqblu li l-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, kif ikun xieraq, għandhom jipprovdu lill-Aġent Tekniku tal-Parti l-oħra, b'rapporti ta' evalwazzjoni u tal-kundizzjonijiet speċjali tal-FFS. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu sejbiet ta' konformità mar-rekwiżiti rispettivi tal-UE u tal-Istati Uniti bħala l-bażi għall-ħruġ jew għall-validità kontinwa tal-kwalifiki rispettivi tagħhom tal-FFS, kif ikun applikabbli.

4.5. Segwitu għas-Sejbiet tar-Rapport ta' Evalwazzjoni

4.5.1. L-operatur/l-isponser tal-FSTD għandu jsib soluzzjoni għas-sejbiet mal-Aġent Tekniku jew mal-Awtorità tal-Avjazzjoni li wettqet l-evalwazzjoni sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Aġent Tekniku rilevanti għall-każijiet definiti fit-TIP-S. F'tali każijiet, meta tkun meħtieġa żjara fil-post biex jiġi vvalutat l-għeluq tas-sejba, din iż-żjara fil-post għandha titwettaq, skont kif jippermettu r-riżorsi, mill-Aġent Tekniku jew, fejn ikun applikabbli, mill-Awtorità tal-Avjazzjoni li wettqet l-evalwazzjoni.

4.6. Meta jinqalgħu ċirkostanzi li jkunu barra mill-ambitu tal-evalwazzjonijiet rikorrenti, l-Aġent Tekniku ta' kull Parti, jew fejn ikun applikabbli, Awtorità tal-Avjazzjoni, għandhom jipprovdu, kif ikun meħtieġ, fuq talba u wara ftehim reċiproku, assistenza teknika fl-evalwazzjonijiet tal-FFS lill-Aġent Tekniku tal-Parti l-oħra, jew fejn ikun applikabbli lil Awtorità tal-Avjazzjoni. L-Aġenti Tekniċi jew Awtorità tal-Avjazzjoni jistgħu ma jaċċettawx li jipprovdu tali assistenza teknika minħabba nuqqas ta' disponibbiltà ta' riżorsi. Tali oqsma ta' assistenza jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

- (a) twettiq u rapportar ta' investigazzjonijiet fuq talba;
- (b) ksib u provvista ta' data fejn tintalab; u
- (c) twettiq ta' evalwazzjoni speċjali ta' FFS f'każ ta' rilokazzjoni jew modifika tal-apparat.

- 4.7. Skont l-Artikolu 15.B tal-Ftehim, l-Aġenti Tekniċi jistgħu jwettqu evalwazzjonijiet indipendenti tal-apparati f'każ ta' tħassib speċifiku dwar is-sigurtà.
- 4.8. Ir-reviżjonijiet minn kwalunkwe Parti, tal-istruttura organizzattiva, tal-liġijiet, tar-regolamenti, tal-proċeduri, tal-politiki jew tal-istandards tagħhom, inkluż dawk tal-Aġenti Tekniċi u tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, jistgħu jaffettwaw il-bażi li fuqha huwa msejjes dan l-Anness. Il-Partijiet, permezz tal-Aġenti Tekniċi u tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, skont kif ikun xieraq, għandhom javżaw lil xulxin mill-iktar fis possibbli dwar il-pjanijiet għal tali bidliet, u jiddiskutu dwar kemm tali bidliet ippjanati jaffettwaw il-bażi ta' dan l-Anness. Jekk il-konsultazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 15.C tal-Ftehim jirriżultaw fi ftehim biex jiġi emendat dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jippruvaw jiżguraw li tali emenda tidħol fis-seħħ fl-istess ħin, jew mill-iktar fis possibbli wara, li tidħol fis-seħħ jew li tiġi implimentata l-bidla li wasslet għal tali emenda.
5. KOMUNIKAZZJONI U KOOPERAZZJONI
- 5.1. L-Aġenti Tekniċi għandhom jiskambjaw u jżommu lista ta' punti ta' kuntatt għad-diversi aspetti tekniċi ta' dan l-Anness.
- 5.2. Il-komunikazzjonijiet kollha, inkluż id-dokumentazzjoni teknika, bejn l-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni fejn ikun applikabbli, għandhom ikunu bl-Ingliż.
- 5.3. Il-format għad-dati kollha li jintużaw fil-komunikazzjonijiet għandu jkun JJ XXX SSSS, eż. "05 MAY 2014".

5.4. L-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin bl-eżenzjonijiet u bid-derogi mogħtija lill-FFSs li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Anness.

5.5. Struzzjonijiet ta' Evalwazzjoni

L-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni għandhom jippreżentaw għal rieżami kwalunkwe struzzjoni jew talba speċjali li trid titlesta waqt evalwazzjoni minn tal-inqas 30 jum kalendarju qabel l-evalwazzjoni.

6. REKWIŻITI TA' KWALIFIKA GĦALL-AĊĊETTAZZJONI TA' SEJBIET DWAR IL-KONFORMITÀ

6.1. Rekwiżiti Bażiċi

6.1.1. Kull Aġent Tekniku u Awtorità tal-Avjazzjoni, skont kif ikun applikabbli, għandhom juru lill-Aġent Tekniku l-ieħor l-effettività tas-sistema rispettiva tagħhom għas-sorveljanza regolatorja tal-FSTD. Sabiex iwettqu l-evalwazzjonijiet tal-FFSs fisem xulxin, l-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, skont kif ikun applikabbli, għandhom juru l-effettività u l-adegwatezza:

- (a) tal-istruttura ġuridika u regolatorja;
- (b) tal-istruttura organizzazzjonali;
- (c) tar-riżorsi, inkluż biżżejjed persunal ikkwalifikat;

- (d) tal-programm ta' taħriġ għall-persunal tekniku tagħhom;
- (e) tal-politiki, tal-proċessi u tal-proċeduri interni, inkluż sistema ta' kwalità;
- (f) tad-dokumentazzjoni u tar-rekords;
- (g) tal-programm ta' sorveljanza; u
- (h) tal-awtorità fuq l-entitajiet u l-apparati regolati.

6.2. Fiduċja Inizjali

- 6.2.1. Kull Aġent Tekniku wera lill-Aġent Tekniku l-ieħor l-effettività tas-sistema rispettiva tiegħu għas-sorveljanza regolatorja ta' attivitajiet koperti skont dan l-Anness permezz ta' attivitajiet ta' bini ta' fiduċja inizjali. L-Aġenti Tekniċi wrew ukoll lil xulxin l-effettività tal-awditi tal-kwalità u tal-attivitajiet ta' standardizzazzjoni tagħhom, inkluż awditi tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 6.3.1.

Qabel ma Awtorità tal-Avjazzjoni tibda twettaq l-evalwazzjonijiet tal-FFS f'isem Aġent Tekniku tal-Istati Uniti, l-Aġent Tekniku tal-UE għandu jwettaq valutazzjoni ta' dik l-Awtorità tal-Avjazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-TIP-S.

6.3. Fiduċja Kontinwa

6.3.1. L-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni għandhom ikomplu juru s-sorveljanza effettiva, kif spjegat fid-dettall fil-paragrafu 6.1.1 b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TIP-S imfassla u approvati mill-FOB.

- (a) B'mod partikolari, l-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, skont kif ikun applikabbli:
 - (i) għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservatur: għall-EASA, għall-awditi tal-kwalità tal-FAA u għall-laqgħat ta' standardizzazzjoni; għall-FAA, għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni tal-EASA;
 - (ii) għandhom jiżguraw li l-operaturi/l-isponsors tal-FSTD jipprovdu aċċess liż-żewġ Aġenti Tekniċi għall-awditi, għall-evalwazzjonijiet u għall-ispezzjonijiet, kif ikun applikabbli;
 - (iii) għandhom jaraw li r-rapporti mill-awditi u mill-ispezzjonijiet reċiproċi u tal-istandardizzazzjoni applikabbli għal dan l-Anness ikunu disponibbli;
 - (iv) għandhom jikkondividu informazzjoni rilevanti dwar is-sigurtà u l-limitazzjonijiet magħrufa li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità ta' Awtorità tal-Avjazzjoni jew ta' Aġent Tekniku li jissodisfaw għalkollox l-istandards internazzjonali applikabbli tas-sigurtà jew kwalunkwe rekwiżit tas-sigurtà stabbilit skont il-Ftehim;
 - (v) għandhom jaraw li l-persunal xieraq ikun jista' jipparteċipa fl-awditi u fl-ispezzjonijiet applikabbli għal dan l-Anness;

- (vi) għandhom jaraw li r-rekords tal-operaturi/tal-isponsors tal-FSTD ikunu disponibbli, inkluż ir-rapporti ta' evalwazzjoni u tal-Kundizzjonijiet Speċjali;
 - (vii) għandhom jipprovdu assistenza bl-interpretazzjoni fl-uffiċċju tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni waqt ir-rieżami tar-rekords u tad-dokumentazzjoni li jiġu rreġistrati bil-lingwa nazzjonali tagħha, fejn ikun meħtieġ; u
 - (viii) għandhom jgħinu lil xulxin fl-għeluq ta' kwalunkwe sejba mill-ispezzjonijiet reċiproċi.
- (b) L-Aġent Tekniku tal-UE għandu jwettaq awditi supplimentari ta' standardizzazzjoni biex jiżgura l-konformità tal-Awtorità tal-Avjazzjoni mat-termini tal-Anness, u b'mod partikolari mal-Kundizzjonijiet Speċjali tal-FAA li huma applikabbli għall-FFS ibbażati fl-UE, kif speċifikat fit-TIP-S.
 - (c) L-Aġenti Tekniċi għandhom jinnotifikaw lil xulxin mill-iktar fis possibbli f'każ li Aġent Tekniku jew Awtorità tal-Avjazzjoni ma jkunux jistgħu jissodisfaw xi rekwiżit fil-paragrafu 6.3.1. Jekk xi wieħed mill-Aġenti Tekniċi jemmen li l-kompetenza teknika ma għadhiex adegwata, l-Aġenti Tekniċi għandhom jikkonsultaw u għandhom jipproponu pjan ta' azzjoni, inkluż kwalunkwe attività korrettiva meħtieġa, sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet.
 - (d) F'każ li Aġent Tekniku jew Awtorità tal-Avjazzjoni ma jindirizzawx in-nuqqasijiet fiż-żmien speċifikat fil-pjan ta' azzjoni, wieħed mill-Aġenti Tekniċi jista' jressaq il-kwistjoni għand l-FOB.

- (e) Meta Parti tkun biħsiebha tissospendi l-aċċettazzjoni ta' sejbiet jew ta' kwalifiki magħmula minn Aġent Tekniku jew Awtorità tal-Avjazzjoni fl-ambitu ta' dan l-Anness, il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra minnufih, skont l-Artikolu 18.A tal-Ftehim.

7. INVESTIGAZZJONI U AZZZJONI TA' INFURZAR

- 7.1. Il-Partijiet iżommu d-dritt li jieħdu azzjonijiet ta' infurzar kontra l-operaturi/l-isponsors tal-FSTDs li jkollhom approvazzjonijiet tal-FAA jew tal-EASA
- 7.2. B'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Ftehim, kull Parti, permezz tal-Aġent Tekniku u, fejn ikun applikabbli, l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra minnufih bi kwalunkwe investigazzjoni u azzjoni sussegwenti ta' għeluq għal nuqqas ta' konformità fl-ambitu ta' dan l-Anness, meta n-nuqqas ta' konformità jista' jirriżulta f'penali, f'revoka, f'sospensjoni jew fi tnaqqis fil-grad tal-kwalifika tal-FFS.
- 7.3. F'każ ta' revoka jew ta' sospensjoni ta' kwalifika tal-FFS, l-Aġent Tekniku u, fejn ikun applikabbli, l-Awtorità tal-Avjazzjoni għandhom jinnotifikaw lill-Aġent Tekniku l-ieħor bir-revoka jew bis-sospensjoni.
- 7.4. In-notifiki t'hawn fuq għandhom jintbagħtu lill-punt ta' kuntratt adatt tal-Parti l-oħra.

8. PROVEDIMENTI TA' TRASFERIMENT

- 8.1. L-evalwazzjonijiet rikorrenti għal FFS li l-kwalifiki tagħhom inħarġu mill-FAA skont id-dispożizzjonijiet definiti fil-Proċeduri ta' Implimentazzjoni tas-Simulaturi (SIP) ta' bejn l-Istati Uniti u r-Renju Unit għandhom ikomplu jitwettqu sakemm titlesta t-transizzjoni tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni kif definiti fil-paragrafu 8.2. (L-SIP ta' bejn l-Istati Uniti u r-Renju Unit, li ġie miftiehem fl-20 ta' Diċembru 1995, kien rivedut fis-6 ta' Ottubru 2005. Dan kien konkluż skont il-Ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika u l-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għall-Promozzjoni tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni, iffirmat f'Londra fit-12 ta' Diċembru 1995.)
- 8.2. Il-Partijiet jaqblu li t-trasferiment tal-evalwazzjonijiet tal-FFS skont dan l-Anness għandu jsir b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' trasferiment li ġejjin:
- (a) Awtorità tal-Avjazzjoni u l-Aġenti Tekniċi għandhom jaraw li biżżejjed persunal itemm it-taħriġ dwar il-proċeduri marbuta mal-Ftehim, ma' dan l-Anness, u mal-Kundizzjonijiet Speċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti, kif ikun applikabbli, qabel ma jsir it-trasferiment.
 - (b) Ladarba biżżejjed persunal ikun temm it-taħriġ, l-Aġenti Tekniċi għandhom jittrasferixxu l-attivitajiet ta' evalwazzjoni ta' FFS ikkwalifikati lill-Aġenti Tekniċi jew lill-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, kif ikun applikabbli.

- (c) It-trasferimenti għandhom iseħħu fi żmien 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Anness.
- (d) L-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni għandhom jaqblu dwar pjan proċedurali u skeda ta' żmien:
 - (i) għas-sinkronizzazzjoni tal-evalwazzjonijiet rikorrenti, u
 - (ii) għat-twettiq tal-evalwazzjonijiet kollha skont dan l-Anness.

9. TARIFFI

- 9.1 It-tariffi għandhom jiġu applikati skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim u skont ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli.

Appendiċi 1

KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI

1. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TAL-UE APPLIKABBLI GĦAS-SIMULATURI TA' TITJIRA SĦIĦA (FFS) IBBAŻATI FL-ISTATI UNITI FIL-KATEGORIJA TAL-INĠENJI TAL-AJRU TAL-AJRUPLANI
- 1.1. Il-kundizzjonijiet speċjali msemmija fil-paragrafu 4.3.1, kif dettaljat fit-TIP-S, huma dawn li ġejjin:
 - (a) L-isponser tal-FSTD għandu jipprovdi lill-FAA b'dawn li ġejjin:
 - (i) dossier dwar l-evalwazzjoni rikorrenti;
 - (ii) rekords annwali tat-tluġħ tat-titjiriet;
 - (iii) rekords ta' kontroll tal-karatteristiki ta' sigurtà tas-simulaturi (ORA.FSTD.115 (b) Installazzjonijiet tar-Regolament (UE) 1178/2011); u
 - (iv) bidliet fil-folja tad-data ppubblikata dwar l-FSTD tal-EASA.
 - (b) Il-manwal tal-istazzjon operattiv ta' għalliem għandu jinkludi struzzjonijiet operattivi bi standards tal-UE.
 - (c) Il-konfigurazzjonijiet u l-indikazzjonijiet tal-istazzjon operattiv tal-għalliem għandhom jikkonformaw mas-Sistema Internazzjonali tal-Unitajiet (SI).

- (d) Għandu jiġi evalwat minn tal-inqas mudell wieħed ta' ajruport/mitjar Ewropew bi kwalifika ddikjarata li jkun fih faċilitajiet adatti ta' mmudellar u ta' navigazzjoni/komunikazzjoni.
- (e) L-approċċi bl-istrumenti u l-operazzjonijiet ta' tluġh f'viżibilità baxxa tal-Kategorija I, II jew III (kif ikun applikabbli) għandhom jintwerew f'ajruport Ewropew u b'konfigurazzjonijiet korrispondenti li jintgħażlu mill-istazzjon operattiv tal-għalliem.
- (f) L-FFS għandu jirrifletti l-konfigurazzjoni Ewropea tal-ajruplan simulatur.
- (g) Waqt l-evalwazzjoni għandha titwettaq fażi kontinwa u mhux interrotta tat-titjir.
- (h) Il-komponenti kollha tal-magna elenkati fiċ-ċertifikat ta' kwalifika tal-FFS tal-EASA għandhom jiġu evalwati waqt kull evalwazzjoni.
- (i) Meta diversi ċertifikati ta' kwalifika tal-FFS tal-EASA jinħarġu għal diversi konfigurazzjonijiet tal-avjonika ta' FFS uniku, kull konfigurazzjoni – b'kull komponent tal-magna jekk ikun applikabbli – għandha tiġi evalwata waqt kull evalwazzjoni.
- (j) Għandhom isiru testijiet oġġettivi, funzjonali u soġġettivi li jkunu speċifiċi għall-FFS skont ir-rekwiżiti Ewropej applikabbli li mhumiex koperti bil-livell standard ta' kwalifika tal-FFS applikabbli tal-FAA.

2. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TAL-FAA APPLIKABBLI GĦAS-SIMULATURI TA' TITJIRA SĦIĦA (FFS) APPROVATI U BBAŻATI FL-UNJONI EWROPEA FIL-KATEGORIJA TAL-INĠENJI TAL-AJRU TAL-AJRUPLANI
- 2.1. Il-kundizzjonijiet speċjali msemmija fil-paragrafu 4.2.1, kif dettaljat fit-TIP-S, huma dawn li ġejjin:
- (a) L-operatur tal-FSTD għandu:
 - (i) jipprovdi evidenza lill-Awtorità tal-Avjazzjoni jew lill-EASA, kif ikun applikabbli, li d-direttivi dwar l-FSTDs tal-FAA ġew inkorporati fl-MQTG, u
 - (ii) jidentifika kwalunkwe bidla fil-lista ppubblikata ta' konfigurazzjonijiet tal-FFS tal-FAA.
 - (b) Il-manwal tal-istazzjon operattiv ta' għalliem għandu jinkludi struzzjonijiet operattivi bi standards tal-Istati Uniti.
 - (c) Il-konfigurazzjonijiet u l-indikazzjonijiet tal-istazzjon operattiv tal-għalliem għandhom jikkonformaw mal-unitajiet ta' kejl tal-Istati Uniti.
 - (d) Għandu jiġi evalwat minn tal-inqas mudell wieħed ta' ajruport/mitjar tal-Istati Uniti bi kwalifika ddikjarata li jkun fih faċilitajiet xierqa ta' mmudellar u ta' navigazzjoni/komunikazzjoni.

- (e) L-approċċi bl-istrumenti tal-Kategorija I, II jew III (kif ikun applikabbli) għandhom jintwerew f'ajruport tal-Istati Uniti u b'konfigurazzjonijiet korrispondenti li jintgħażlu mill-istazzjon operattiv tal-għalliem.
- (f) L-FFS għandu jirrifletti l-konfigurazzjoni tal-Istati Uniti tal-ajruplan simulatur.
- (g) Il-konfigurazzjonijiet kollha elenkati fiċ-ċertifikat ta' kwalifika tal-FFS tal-FAA għandhom jiġu evalwati waqt kull evalwazzjoni.
- (h) Għandu jitwettaq approċċ ta' dawran lejn ajruport tal-Istati Uniti bil-piż massimu muri ta' nżul.
- (i) Għandhom isiru testijiet oġġettivi, funzjonali u soġġettivi li jkunu speċifiċi għall-FFS skont ir-rekwiżiti tal-Istati Uniti applikabbli li mhumix koperti bil-livell standard ta' kwalifika Ewropew tal-FFS applikabbli.

Appendiċi 2

AZZJONIJIET TAL-AWTORITÀ TAL-AVJAZZZJONI

L-Awtorità tal-Avjazzjoni kompetenti għandha twettaq l-azzjonijiet li ġejjin fisem l-FAA għall-evalwazzjonijiet rikorrenti ta' kull FFS kopert b'dan l-Anness, kif dettaljat fit-TIP-S:

1. Tiskeda l-evalwazzjoni rikorrenti u tipprovdi d-data skedata għall-evalwazzjoni lill-FAA.
2. Twettaq it-tħejjija għall-evalwazzjoni. L-ispettur(i) ta' evalwazzjoni tal-Awtorità tal-Avjazzjoni għandu/għandhom:
 - (a) jidentifika(w) il-kundizzjonijiet speċjali;
 - (b) jikseb/jiksbu l-formoli u l-listi tal-kontrolli adatti; u
 - (c) jidentifika(w) kwalunkwe modifika li setgħet seħħet bejn l-evalwazzjonijiet rikorrenti.
3. Iwettaq/iwettqu l-evalwazzjoni, filwaqt li jqis(u) il-kundizzjonijiet speċjali u d-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TIP-S.

4. Iwettaq/iwettqu attivitajiet ta' wara l-evalwazzjoni sabiex jinkludi/u:
- (a) It-trażmissjoni tal-informazzjoni/tad-dokumenti li ġejja/ġejjin lill-FAA fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara t-tlestija tal-evalwazzjoni:
 - (i) rapport ta' evalwazzjoni;
 - (ii) lista tal-konfigurazzjonijiet tal-FFS; u
 - (iii) rapport tal-Kundizzjonijiet Speċjali.
 - (b) It-twettiq taż-żjara fil-post imsemmija fil-paragrafu 4.5.1. ta' dan l-Anness.
-

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Rappreżentanti tal-Istati Uniti tal-Amerika u tal-Unjoni Ewropea kkonfermaw li l-verżjoni bil-lingwa Kroata tal-Anness 4 għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni fir-Regolazzjoni tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea, iffirmit fi Brussell fit-30 ta' Ġunju 2008 ("il-Ftehim"), tista' tiġi awtentikata permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea.

Jikkonfermaw ukoll li, kif previst bil-Ftehim, fil-każ ta' diverġenzi fl-interpretazzjoni bejn it-testi tal-lingwi differenti tal-Ftehim jew tal-Anness 4 tiegħu, it-test bl-Ingliż jipprevali.

Din id-Dikjarazzjoni Konġunta hija parti integrali tal-Ftehim.

Għall-Istati Uniti tal-Amerika

Għall-Unjoni Ewropea
